MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 32/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Wayne Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Wayne Zahra talli fil-Belt Valletta, fil-Birgu, f'Wied il-Ghajn u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xahrejn u f'diversi hinijiet matul il-gurnata:

(1) Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq Omissis mix-Xemxija, liema reat sar fuq persuna taht l-eta` ta' tnax il-sena;

(2) Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li

jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Omissis mix-Xemxija, liema persuna ghadha taht l-eta` ta' tnax il-sena kontra l-volonta` taghha, liema delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(3) B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza u b'ghemil zieni, ikkorrompa lill-imsemmija Omissis, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta` ta' tnax il-sena kif ukoll lil Omissis u Omissis minn tas-Sliema, kif ukoll lil Omissis minn Haz-Zabbar, li lkoll huma persuni ta' taht l-eta` u liema delitt sar b'theddid u bi vjolenza;

(4) Iikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Omissis;

(5) Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

(7) Hedded lill-imsemmija Omissis.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija Omissis, Omissis, Omissis, Omissis u l-familji taghhom, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Wayne Zahra b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Wayne Zahra hati ta' ksur ta' l-artikoli 198, 86, 87(1)(g), 203(1), 203(1)(a), 209 (bhala kompriz u involut fl-artikolu 203 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Omissis) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 (bhala kompriz u involut fl-artikolu 249 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Omissis), izda ma sabitux hati taht l-artikoli 207 (li qieset bhala artikolu alternattiv) u 249 tal-Kap. 9 u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Wayne Zahra pprezentat fil-21 ta' Frar 2006 li permezz tieghu talab li din

il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet, tat-tielet imputazzjoni in kwantu din l-imputazzjoni tikkoncerna lil Omissis u Omissis u in kwantu ddikjarat li l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 203 (1)(b) ma jirrizultax u tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti taghha fejn sabitu mhux hati tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni fit-termini tal-Artikolu 249 tal-kap. 9, izda minflok hati taht l-Artikolu 339 (1)(e), u thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabitu hati ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' Omissis u tirriforma u tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti erronejament sabet htija ghar-rigward ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni in kwantu dan jikkoncerna lil Omissis; (2) il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi fil-kaz ta' Omissis ma kienitx biss kwistjoni ta' *corrupta non corrumpitur*, izda wkoll kwistjoni li l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ma jissussistux mir-rizultanzi processwali. Jghid illi hawn si trattava ta' tnejn min-nies li riedu jkollhom relazzjoni sesswali flimkien; il-kunsens kien taghhom it-tnejn u r-rieda ta' intimita` kienet voluta mit-tnejn. Barra minn hekk Omissis, minkejja l-eta` taghha, kellha diga` esperjenzi sesswali qabel ma' Omissis.

Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri** deciz fl-20 ta' Marzu 1989 (Vol. LXXIII.v.1064):

**"L-artikolu 203 tal-Kodici Kriminal taghna gie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodici Taljan imsemmi i.e. ta' l-1889 u dan l-artikolu gie dejjem ikkunsidrat bhala li**

**jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *'delitto di danno'* ghamel dan id-delitt wiehed *'di pericolo'* kif jispjega l-Manzini meta jghid *'a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore'*;**

**Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja ddedikata ghal-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975) fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-teorija tal-Maino, 'mhux qed jinghad li l-persuna ga` parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'"**

Fil-kaz in ezami l-appellant illimita ruhu biex jghid illi Omissis diga` kellha esperjenzi sesswali ma' haddiehor. Dan fil-fatt jirrizulta mill-provi. Dak li ma qalx pero` huwa illi mill-provi jirrizulta illi l-appellant kellu relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor fil-prezenza ta' l-istess Omissis (li kienet tkun ma' Omissis) u li l-istupru ta' Omissis sar ukoll fil-prezenza ta' l-imsemmija Omissis. Dawn kienu incidenti li sehhew <u>qabel</u> ma l-appellant beda jkollu relazzjonijiet sesswali ma' l-imsemmija Omissis u li, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienu atti li gabu 'l quddiem il-korruzzjoni effettiva taghha. Din il-Qorti taqbel ukoll perfettament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti illi *"minhabba l-eta` ta' Omissis* [li kellha biss tlettax-il sena] *u minkejja li xehdet li dak li sar kien sar bil-volonta` taghha, din il-Qorti mhix tabbraccja t-tezi li min hu korrott ma jistax ikun korrott. Il-Qorti hija konxja li qed jinbtu certi kulturi f'Malta fejn il-pratika tas-sess hija aktar laxka u fejn il-limiti donnhom ma jinsabu*

*mkien. Huwa veru wkoll li llum qed ikun hemm zvilupp sesswali aktar bikri miz-zminijiet ta' qabel. B'danakollu l-Istat ghandu interess li jittutela lill-minorenni u ghalhekk ma tarax li ghandha taccetta din it-tip ta' difiza meta l-eta` hija daqshekk zghira u vulnerabbli."*

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant qieghed jigi respint.

Kwantu ghall-piena l-appellant jissottometti illi (1) ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni tal-minuri Omissis ma giex kkunsidrat bhala kompriz u involut fir-reat ta' stupru; (2) fil-komputazzjoni tal-piena l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 izda mhux l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9; (3) l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni tal-psikologa li huwa jbati minn *personality disorder* u *attention deficit disorder* b'mod illi ghalkemm ghandu eta` ta' 24 sena (essendo li tali xhud kienet qed tixhed sentejn wara) psikologikament il-mentalita` tieghu hija ta' tifel ta' sbatax.

Dwar l-ewwel ilment l-appellant m'ghandux ragun peress illi fi kwalunkwe kaz kien hemm anke okkazjoni ohra msemmija minn Omissis li qalet li kellha relazzjoni sesswali ma' l-appellant fil-flat tieghu u kien hemm prezenti l-imsemmija Omissis. Dwar it-tieni lment l-appellant m'ghandux ragun peress illi fil-paragrafu 64 tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti tirreferi kemm ghall-artikolu 17(b) kif ukoll ghall-artikolu 17(h) bhala fost l-artikoli li hija kkunsidrat meta giet biex tiffissa l-piena. Dwar it-tielet ilment, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tax-xiehda tal-psikologa, ma jistax jitqies li l-appellant ma kienx responsabbli ta' ghemilu.

Barra minn hekk, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti certament taqa' fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghar-reat ta' stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kap. 9 huwa ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Ma' din il-piena mbaghad trid tizdied minn nofs sa terz tal-piena ghad-delitti l-ohra li l-appellant instab hati taghhom. Fic-cirkostanzi rizultanti mill-provi, l-appellant ma jimmerita l-ebda tnaqqis.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u, in vista ta’ l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabiex l-appellant jintrabat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9, l-imsemmija obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

Fl-ahharnett, sabiex tigi protetta l-identita` tal-minuri koncernati, il-partikolaritajiet taghhom u dettalji ohra li bihom jistghu jigu identifikati m’ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------